TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 223/14-F

**Lawrence Buhagiar**
**vs**
**International Sales Direct**

Illum 10 ta' Marzu, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Novembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, ħames mija u ħamsa w sittin ewro, u tmienja w tmenin ċenteżmi (€1,565.88), rappreżentanti l-prezz ta' *aircondition* ġdid li jkun jista' jżomm il-kamra kiesħa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kien mar rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u li kienu ordnaw żewġ *airconditioners* għal żewġt ikmamar. Illi wieħed kien 24000BTU u kien ikessaħ biżżejjed u l-ieħor ta' 9000BTU ma kienx ikessaħ biżżejjed, u għalhekk qed jitlob ir-rimpjazzament ma' wieħed ta' 12000BTU.

L-intimat issottometta illi l-qisien kien tahomlu r-rikorrenti u l-problema kienet illi hemm gallarija u li qed ittellef il-kesħa u li qiegħed fuq il-bejt, u allura l-aħjar wieħed huwa ta' 18000BTU illi hemm differenza ta' €800.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi kien l-istess rikorrenti li kien ta l-qisien tal-kamra u li l-fatturi esterni ma ġewx a konjizzjoni tas-soċjeta' ntimata. Illi jirriżulta wkoll li l-unit ta' 9000BTU m'għandu l-ebda ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888